MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 89/1991/1

**Alexis Vella u Joseph Falzon it-tnejn bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` G & S Falzon Ltd.**

**v.**

**David Jones u Alfred J. Pollacco bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

**Ic-citazzjoni.**

B'citazzjoni presentata fl-24 ta' Jannar 1991 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc is-socjeta` attrici ppremettiet illi fl-10 ta' Settembru 1990, waslet f'Malta merkanzija konsistenti f'container Nru GETU 003171/4 kontenenti "adhesives" permezz tal-vapur "Vento di Maestrale", vjagg Nru 081/90/VDM/MAL kif konfermat mill-Bill of Lading Nru. 013/01, liema merkanzija hi indirizzata u destinata lis-socjeta` attrici; illi l-konvenuti nomine huma l-agenti f'Malta tal-vapur "Vento di Maestrale" inkarigati biex jirrilaxxaw il-merkanzija u fl-istess hin jithallsu l-freight dovut mill-attur nomine ghat-trasport; illi appena l-imsemmija merkanzija waslet f'Malta l-atturi nomine marru fl-ufficjju tas-socjeta` konvenuta bl-iskop li jhallsu l-freight minnhom dovut u kontestwalment jirtiraw minghandha d-delivery order relativa sabiex ikunu jistaw jirtiraw il-merkanzija lilhom destinata; illi a bazi ta' pretest ghal kollox differenti u indipendenti mill-konsenja odjerna fuq specifikata, liema pretest del resto hu ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt, il-konvenuti nomine rrifjutaw li jaccettaw il-hlas tal-freight minghand l-atturi nomine u naqsu milli jikkonsenjawlhom id-delivery note opportuna b'mod li dawn ghadhom sallum impossibilitati milli jirtiraw il-merkanzija, nonostante li din issa ilha li waslet Malta mill-10 ta' Settembru, 1990; illi tali agir ossia rifjut tal-konvenuti nomine ikkaguna danni ingenti lis-socjeta` attrici [li] hija impossibilitata milli taghmel uzu mill-istess merkanzija, u inkorriet diversi charges ta' magazzinagg ghall-istess merkanzija oltre *loss of use, loss of profit*, u danni ohra li jigu lkoll pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, inkluzi spejjes ancillari li l-atturi nomine inkorrew inutilment ghall-istess merkanzija; illi nonostante li gew interpellati anke permezz ta' protest giudizzjarju datat 20 ta' Settembru 1990 l-konvenuti naqqsu li jaddivjenu ghar-rilaxx tal-istess merkanzija u ghalhekk illum huma responsabbli ghad-danni kollha minnhom ikkawzati lill-atturi nomine minhabba l-istess agir illegali u abbusiv da parti ta' l-istess – dan premess l-atturi nomine talbu li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha kkawzati lill-atturi nomine, meta l-istess konvenuti nomine naqsu milli jikkonsenjaw lill-attur nomine d-delivery note opportun, bil-konsegwenza li minhabba tali

rifjut da parti tas-socjeta` konvenuta, l-atturi nomine kienu impossibilitati li jirtiraw l-merkanzija lilhom destinata konsistenti f'Container Nru GETU – 003171/4 kontenenti "adhesives" permezz tal-vapur "Vento di Maestrale" vjagg nru 081.90.VDM/MAL kif konfermat permezz ta' Bill of Lading nru 013/01 li waslet f'Malta fl-10 ta' Settembru 1990;

2. tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mis-socjeta` attrici, okkorrendo permezz ta' periti nominandi inkluzi fl-istess danni n-nuqqas ta' utilizazzjoni tal-istess merkanzija, valur tal-istess, charges extra ta' magazzinagg ghall-istess*, loss of use, loss of earnings*, u spejjes ancillari li l-atturi nomine inkorrew inutilment ghall-istess merkanzija u danni ohra kollha li jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi nomine in linea ta' danni l-ammonti hekk likwidati ai termini tat-tieni domanda ta' din ic-citazzjoni bhala rappresentanti l-ammont ta' danni minnhom ikkagunati lill-atturi nomine, minhabba l-agir illegali taghhom premess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-protest giudizzjarju datat 20 ta' Settembru, 1990 u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri kompetenti lill-atturi nomine kontra l-konvenuti nomine, ingunti personalment ghas-subizzjoni.

**L-eccezzjonijiet.**

B'nota pprezentata fis-27 ta' Frar, 1991 il-konvenuti nomine eccepew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-konvenuti ma ikkagunaw ebda danni lill-atturi nomine, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi kienu l-atturi nomine li kienu inadempjenti fir-relazzjonijiet taghhom kummercjali mal-eccipjenti nomine, tant li qed issir l-infraskritta kontro-talba kontra taghhom ghall-hlas ta' ammont ta' LM5905.51 li mhux biss hu daqs kull danni li talvolta jistghu jippretendu izda sahansitra superjuri ghalih.

**Il-kontro-talba.**

Fil-kontro-talba s-socjeta` konvenuta ppremettiet li s-socjeta` attrici ghandha taghti lis-socjeta` konvenuta s-somma komplessiva ta' hamest elef, disa' mija u hames

liri Maltin wiehed u hamsin centezimu (LM5,905.51) bilanc ta' somma akbar, import ta' nollijiet fuq merkanzija importata Malta fuq vapuri rapprezentati lokalment minn Valletta Freight Services Limited, kif jidher mill-prospett anness (Dok. Z); illi s-socjeta` Valletta Freight Services Ltd giet addebitata fil-kont kurrent taghha mas-socjeta` estera Tarros s.p.a. li garret din il-merkanzija fl-istess ammont; illi s-socjeta` G & S Falzon interpellata biex thallas dan l-ammont, baqghet inadempjenti; dan premess is-socjeta` konvenuta talbet:-

1. li r-rikonvenuti Alexis Vella u Joseph Falzon it-tnejn bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` G & S Falzon Ltd jigu kundannati jhallsu lil David Jones u Alfred J. Pollacco bhala Diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Valletta Freight Services Limited is-somma fuq imsemmija ta' LM5,905.51 bilanc ta' somma akbar, import ta' nollijiet minnhom dovuti ghall-garr ta' merkanzija taghhom lejn Malta, flimkien ma' l-imghaxijiet kummercjali mis-16 ta' Awissu 1989.

Bl-ispejjes – komprizi dawk tal-kotroprotest gudizzjarju kontra l-imsemmija rikonvenuti, li jibghu ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

**L-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba.**

B'nota ipprezentata fil-11 ta' Marzu, 1991 is-socjeta` attrici eccepiet hekk ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta:-

1. Illi fl-ewwel lok ghal dak li jirrigwarda l-pretensjonijiet tal-konvenut kontenuti fil-kontro-talba tieghu, l-attur et nomine ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-konvenut nomine, stante li l-konvenut et nomine qed jagixxi biss bhala agent tal-principal ta' socjeta` estera, u li se mai l-istess principal esteru ghandu huwa biss id-dritt li jesigi l-pagament tal-freight.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-pretensjoni tal-konvenuti hija in parte esagerata, u wkoll in parte l-ammont gie offert lill-konvenut et nomine u minnhom rufjutat u ghalhekk gie debitament depositat.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, kif gia gie dedott fic-citazzjoni attrici, ghal dak li jirrigwarda parte mill-merkanzija, din ma setghetx tigi irtirata stante li

naqsu li jikkonsenjaw lill-attur nomine id-delivery note relattiv, kollox kif premess, bl-effetti u konsegwenzi relattivi konsegwenti fic-citazzjoni attrici.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza moghtija fil-31 ta’ Jannar, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza bil-mod segwenti:-

“*Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-ewwel talba tas-socjeta` attrici u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta kienet fi htija meta irrifjutat li tikkonsenja lis-socjeta` attrici d-delivery note biex l-istess socjeta` attrici tkun in grad li tirtira l-merkanzija minnha importata u spedita f'Malta permezz tal-vapur “Vento di Maestrale” li wasal fl-10 ta’ Settembru, 1990;*

*“Tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta’ elfejn disa’ mija u hamsa u sittin lira Maltija u erbatax il-centezimu (LM2965.14,0);*

*Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas dan l-ammont hekk likwidat lis-socjeta` attrici, flimkien mal-interessi dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza;*

*“Il-kontro-talba qed tigi michuda ‘in toto’ u dan bl-akkoljiment ta’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` attrici ghall-istess kontro-talba.*

*“L-ispejjes kollha tal-kawza u tal-kontro-talba huma a kariku tas-socjeta` konvenuta.”*

U dan wara s-segwenti konsiderazzjoni:

“Din hi azzjoni ghad-danni pretizi mis-socjeta` attrici ghall-mankata konsenja tad-“delivery note” mis-socjeta` konvenuta biex hi tkun in grad tirtira l-merkanzija importata f’Malta fl-10 ta’ Settembru 1990 permezz tal-vapur “Vento di Maestrale”

“Is-socjeta` konvenuta iddefendiet ruhha billi fl-ewwel lok irriteniet li ma ikkagunat l-ebda dannu. Fl-istess waqt

irreagiet permezz ta’ kontro-talba ghall-hlas ta’ bilanc ta’ nollijiet relattivi ghall-importazzjonijiet anterjuri trasportati Malta bil-bahar permezz ta’ bastiment tas-socjeta` Tarros S.p.a.

“Ghal dan is-socjeta` attrici rikonvenzjonata wiegbet primarjament illi ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` konvenuta kif imharrka, u li se mai hi s-socjeta` estera precitata li ghandha dritt tesigi l-pagament tal-“freight”.

“Fir-rapport tieghu (fol 65 et sequitur) il-perit legali laqa’ kemm it-talba principali tas-socjeta` attrici ghar-rizarciment tad-danni kif ukoll l-eccezzjoni preliminari taghha ghall-kontro-talba.

“Il-provi prodotti jimmilitaw favur din il-konkluzzjoni.

“Ex-confessis ix-xhud Mario Callus (fol 80) operations manager mas-socjeta` konvenuta jghid dan:-

“*Ghalhekk ahna dehrilna li kellna kull dritt li nirrifjutaw il-konsenja sakemm ma nithallsux ta’ dawn l-outstanding freights.”*

“Ir-raguni li ta ghal dan ir-rifjut kien il-fatt li s-socjeta` estera li taghha huma kienu l-agenti addebitathom bl-ammont tal-istess nollijiet pendenti. Minn dak saput mit-trattazzjoni traskritta a fol-112, bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta` estera hemm proceduri pendenti fuq il-kont kurrent ta’ bejniethom, kompriz allura l-kwestjoni ta’ dawn l-outstanding freights.

“Fir-rigward tad-delivery note tal-merce in kwestjoni jirrizulta mid-deposizzjonijiet ta’ Alex Vella (fol. 76) u ta’ Roger Azzopardi (fol 78) illi nonostante li s-socjeta` attrici offriet il-hlas tal-‘freight’ ghal-garr tal-kariku ghal liema kienet tikkorrispondi d-‘delivery note’ ‘de qua’, is-socjeta` konvenuta xorta wahda ostinat ruhha u irrifjutat li tikkonsenja l-istess dokument biex permezz tieghu s-socjeta` attrici tkun in grad li tirtira l-merkanzija. Konsegwenti ghal dan ir-rifjut tas-socjeta` attrici [sic]

ghaddiet ghad-depozitu taht l-awtorita` tal-Qorti tan-noll korrispondenti.

“L-atteggjament assunt mis-socjeta` konvenuta f’dan il-kaz huwa censurabbli in kwantu ma jikkonformax ruhu mal-principji tal-ligi. Ben tajjeb irraguna l-perit legali illi hi kellha l-mezzi legali biex tikkawtela u thares l-interessi taghha.

“Anke kieku si trattava ta’ nuqqas ta’ hlas tan-nol ghal merkanzija relattiva importata kif fuq inghad ukoll is-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda dritt izzomm fil-pussess taghha d-“delivery order” bil-konsegwenza li l-merkanzija tibqa’ arrestata u ma tigix liberata; multo magis, imbaghad meta, kif manifest mill-provi, gie offrut lilha l-hlas tan-nol ghall-ispedizzjoni ‘de quo agitur’.

“Dan fuq rimarkat huwa desunt minn dak dispost fl-Artikolu 305(1) tal-Kodici tal-Kummerc li a propositu jistabilixxi li “*n-noleggjant jew il-Kaptan ma jistax izomm il-merkanzija fuq il-bastiment minhabba li ma jkunx thallas in-nol ….”.* Is-subinciz (2) ghall-imsemmi artikolu joffrilhom is-soluzzjoni billi fih jinsab dispost illi dawn setghu jqieghdu l-merkanzija b’depositu f’idejn terza persuna sakemm isir il-hlas tas-somma li jkollhom jiehdu u fejn il-merkanzija tkun peribbli jistghu anke jitolbu l-bejgh taghha.

“Naturalment dak precitat mil-ligi jestendi ruhu ghall-agent tal-vapur. Li jfisser li lanqas lil dan ma gie akkordat id-dritt tar-ritenzjoni. Il-ligi kienet toffrilhom it-tutela ta’ l-interessi taghhom f’kazijiet konsimili izda s-socjeta` konvenuta ma gharfetx tapprofitta ruhha minn dak lilha estiz mil-ligi, anke jekk hu dibattibbli kemm fil-verita` setghet taghmel dan fuq il-mera pretensjoni tan-nuqqas ta’ hlas tan-nol fuq spedizzjonijiet anterjuri u li mal-kaz konkret ma kienux jiccentraw.

“Ir-rifjut ghalhekk tas-socjeta` konvenuta li tikkonsenja d-dokument mehtieg ghar-rilaxx lis-socjeta` attrici tal-merkanzija minnha importata kien wiehed zbaljat u guridikament insostenibbli. Ghal dawk l-aspetti li jistghu

jghoddu ghal kaz taht konsiderazzjoni jghoddu l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, fid-decizjoni fl-ismijiet **"Walter Bonello noe vs Carmelo Caruana nomine",** fil-15 ta' Frar 1957.

"Huwa sintomatiku illi l-konsegwenza ta' tali rifjut tissarraf f'wahda ta' reklam ghad-danni. Dan fuq l-iskorta tal-insenjament illi "*chi non adempie un'obbligazione e' tenuto al risarcimento dei danni"*. Dan ighodd "*tanto per l-inadempimento dell'obbligazione, quanto del ritardo dell'esecuzione*" (**Antonio Micallef noe vs Negte Giuseppe Gasan noe"**, Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Jannar 1930).

"Dan necessarjament ifisser li s-socjeta` konvenuta li kienet hi li kkagunat id-dannu u mhux il-principali taghha fl-esteru ghandha tigi ikkundannata ghal hlas tad-danni jekk, kif espost mis-socjeta` attrici, din batiet hsara bin-nuqqas tal-kunsinna tad-delivery order, u, ergo, tal-merkanzija.

"Ma jidhirx li s-socjeta` konvenuta ikkontestat il-kwantum tad-dannu li l-perit relatur, fuq il-bazi tad-dokumenti esebiti (fol 90, 91 et seq), ikkomputa fl-ammont ta' elfejn disa' mija u hamsa u sittin Lira Maltija u sbatax il-centezmu (LM2965.14,0) (sic). Ghalhekk hu dan l-ammont li ser jigi milqugh.

"Kwantu ghal-kontro-talba huwa prezunt skond l-Art 396, Kap 12 illi mhux biss li din tkun konnessa mat-talba ta' l-attur izda ukoll trid tirrivesti l-estrem l-iehor illi huwa proprju l-konvenut, kif imharrek, li ghandu dritt jaghmel uzu minnha. "*La riconvenzione essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustament estesa a tutti i casi sudetti – communanza di origine delle due cause ovvero, la eliminazione reciproca delle due domande – in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi*" (Vol XXVII pI p895).

"Fil-kaz de quo is-socjeta` konvenuta giet citata f'isimha proprju u mhux qua agent tas-socjeta` estera principal taghha u li lilha, stricto jure, kienu dovuti l-hlasijiet tan-nol.

Dan ghaliex in-nol huwa korrispettiv ghat-trasport u hu dovut jew lill-armatur jew lill-noleggjant, skond il-kaz. Konsegwentement ghal gbir tan-nol jew arretrati tieghu s-socjeta` konvenuta ma tagixxiex f'isimha proprju izda qua rapprezentant lokali tal-armatur jew noleggant esteru. Dan hu hekk anke fejn ir-rapprezentant ikun semplicement konsenjatarju tal-bastiment ghall-okkazzjoni partikolari u hekk ikun mandatarju okkazjonali ghall-iskop determinat huwa xorta wahda ghandu r-rapprezentanza attiva u passiva ta' l'armatur. (Vol XLI pI p856).

"Jekk bhal f'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta qed tafferma li l-armaturi jew operaturi barranin qed jippretendu l-hlasijiet tal-arretrati tan-nol minn ghandha, fatt dan li hi stess qed tikkontesta fi proceduri separati mal-istess operaturi, dan hu 'res inter alios acta' ghal finijiet tal-kontro-talba, una volta ma issodisfatx, bi prova accertata, illi s-socjeta` estera assenjatilha l-kreditu jew issurrogata fid-drittijiet taghha. Kieku hekk kien il-kaz hi kienet tkun tista' tagixxi f'isimha. Meta allura tonqos din il-prova ma tistax imbaghad tirrezisti l-eccezzjoni moghtija mill-kontro-parti dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika fuq ir-relattiva pretensjoni. Ghalhekk biss il-kontro-talba taghha tfalli."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fit-12 ta' Frar 2003, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza u minflok, filwaqt li tichad it-talbiet kollha attrici bl-ispejjes kollha kontra l-atturi nomine appellati, tilqa' it-talba taghha kontenuta fil-kontro-talba bl-ispejjes kollha tal-istess kontro-talba kontra l-atturi nomine appellati.

Is-socjeta` attrici intavolat risposta ghall-appell tas-socjeta` konvenuta fejn talbet li din il-Qorti tikkonferma fi shih s-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk tichad l-appell tal-appellanti nomine bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti nomine, u previa okkorrendo dikjarazzjoni illi dan l-appell huwa wiehed frivolu u

vessatorju a bazi tal-fuq imsemmija ragunijiet tikkundanna lill-appellanti nomine jhallas l-ispejjes doppji.

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti.**

L-aggravji tas-socjeta` appellanti, hekk kif elenkati fir-rikors ta' l-appell huma bazikament is-segwenti:-

a) Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-punti ta' dritt u ta' fatt li in segwitu wassluha biex ikkonkludiet li l-esponenti nomine kienu agixxew illegalment meta irrifjutaw li jikkonsenjaw id-delivery order lill-atturi nomine.

b) Illi l-ammont likwidat favur is-socjeta` attrici kien f'kull kaz ezagerat u mhux sorrett mill-provi u qatt ma kellu jigi likwidat favur is-socjeta` attrici.

c) Illi ukoll l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-punti ta' dritt u ta' fatt meta laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-atturi noe ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk cahdet it-talba kontenuta fil-kontro-talba.

**Ikkunsidrat:**

**Rifjut tal-konsenja tad-delivery order.**

Is-socjeta` appellanti ssostni li r-rifjut taghha li tikkonsenja d-'delivery note' lis-socjeta` attrici sabiex din tkun tista` tirtira l-merkanzija importata, kien att legittimu li ma wassalx ghall-konsegwenzi li nsiebu fis-sentenza appellata. Infatti qed jinghad li s-socjeta` konvenuta kienet giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` estera Tarros s.p.a. u bhala tali hija esercitat "a possessory lien" fuq il-merkanzija tas-socjeta` attrici a tenur ta' l-Artkolu 305(2) tal-Kodici tal-Kummerc.

In risposta ghal dan is-socjeta` appellata qed tirribatti li:-

a) Il-konvenuti noe kellhom iktar minn opportunita` wiehed [recte: 'wahda'] biex johorgu d-delivery note sabiex il-merkanzija tkun tista' tigi rilaxxata;

b) Ghazlu li jiehdu l-ligi b'idejhom minflok jassenjawhom [cioe` l-merkanzija] f'idejn terzi bhala konsenjatarji;

c) L-agir kien abuziv u illegali nkwantu l-allegat kreditu kien jikkoncerna spedizzjonijiet anterjuri.

**Ikkunsidrat:**

Il-ligi nostrana tirrikonoxxi lill-kreditur id-dritt li jzomm il-haga fil-pussess tieghu u cioe` il-*jus retentionis*, in kwantu il-beni tad-debitur huma garanzija tal-kredituri tieghu[1]. Il-ligi izda trid li, sabiex jigi ezercitat dan id-dritt, ghandu jkun hemm relazzjoni diretta u cioe` ta’ kreditur u debitur u li inoltre l-beni tad-debitur ikunu jinsabu fil-pussess tal-kreditur. Mill-fattispecie tal-kaz sottoezami jidher li dan id-dritt, imsejjah “possessory lien” mis-socjeta` appellanti, ma kienx kompetenti lill-istess socjeta`.

Qed jinghad li s-socjeta` appellanti kienet tinsab surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` Tarros s.p.a. ghall-pendenzi ta’ nol dovut fuq tragitti li kienu saru f’okkazzjonijiet ohra precedenti ghal kaz in ezami. Infatti fil-premessi tal-kontro-talba intavolata mis-socjeta` appellanti, jinghad espressament li *Valletta Freight Services Ltd giet addebitata fil-<u>kont kurrent</u> taghha mas-socjeta` estera Tarros Spa”* u dan jidher korroborat mix-xhieda ta’ Mario Tellus li xehed li din is-socjeta` estera kienet “*taddebithom bl-ammonti ta’ freight jew nollijiet li huma kienu suppost jigbru*”.

Issa l-kuntratt ta’ *kont kurrent* imsemmi fl-Artikolu 264 et sequitur tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13), jikkontempla relazzjoni ta’ bejn zewg persuni li bih dawn “*jiftiehmu li <u>r-rimessi ta’ xulxin</u> jigu mnizzlin f’kont bhala partiti ta’ dejn u ta’ kreditu*” bl-obbligu tal-parti li kontra taghha jinsab bilanc meta jinghalaq il-kont li thallas dak il-bilanc. Dan il-kuntratt ghalhekk bl-ebda mod ma jikkonsidra terzi persuni billi dawn huma estranei ghar-relazzjoni li tinholoq bejn il-kontraenti u konsegwentement ma jista’ qatt jinghata xi dritt viz-a-viz terzi debituri tal-parti li tkun dahlet f’kuntratt ta’ “account current” billi r-relazzjoni tibqa’ biss u dejjem bejn l-istess kontraenti biex jiggustifikaw dawk il-partiti ta’ debiti u krediti hekk mnizzlin fil-kont. Dan jidher li huwa

[1] Artikoli 1995 u 1997 tal-Kodici Civili.

wkoll rikonoxxut mis-socjeta` konvenuta appellanti billi din qed tagixxi kontra s-socjeta` Tarros fir-rigward ta' dawn l-allegati krediti taghha.

Illi, apparti dak li inghad fir-rigward tad-drittijiet u obbligi naxxenti minn kuntratt ta' "accout current", jinghad ukoll li l-fattispecie tal-kaz ma jwasslu ghall-ebda indikazzjoni li seta' kien hemm surroga tad-drittijiet mis-socjeta` Tarros s.p.a. lis-socjeta` konvenuta appellanti. Ir-regola generali hi li min ihallas id-dejn ta' wiehed iehor ma jidholx fil-jeddijiet tal-kreditur, hlief bis-sahha ta' konvenzjoni, jew b'disposizzjoni tal-ligi.[2] Hawn la jirrizulta li kien hemm konvenzjoni u lanqas ma tista' s-socjeta` appellanti tistrieh fuq xi disposizzjoni tal-Ligi. Il-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 1165(I) tal-Kodici Civili jehtieg li sabiex min ihallas jigi surrogat konvenzjonalment mhux bizzejjed li din is-surroga tigi stipulata espressament izda li dan isir kontemporanjament mal-hlas. Fil-kaz in ezami la hemm kitba u lanqas ma jirrizulta hlas – anzi kif inghad hawn fuq, il-kreditu pretiz mis-socjeta` Tarros qed jigi kontestat.

Lanqas ma jista' jinghad li, fil-kaz tas-socjeta` appellanti, tirrikorri xi wahda mic-cirkostanzi imsemmija fil-paragrafi (a) sa (d) ta' l-Artikolu 1166 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jikkontemplaw surroga *ipso jure.* Ghalhekk jidher li s-socjeta` appellanti ma kellha ebda dritt li tagixxi bil-mod kif agixxiet billi fic-cirkostanzi partikolari ma kellha ebda dritt tezercita l-*jus retentionis.* Dan apparti dak li gie rilevat mill-ewwel Qorti a bazi ta' l-Artikolu 305 tal-Kodici tal-Kummerc li jikkontempla rimedji ghal sitwazzjonijiet konsimili. Kellha ghalhekk ragun l-ewwel Qorti meta qalet li "*L-atteggjament assunt mis-socjeta` konvenuta f'dan il-kaz huwa censurabbli in kwantu ma jikkonformax ruhu mal-principji tal-ligi.*"

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Id-danni.**

[2] Artikolu 1164 Kap 16.

L-aggravju tas-socjeta` appellanti fir-rigward tal-*quantum* tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti jista' jigi kunsiderat bhala wiehed dghajjef. Dan qed jinghad billi fir-rikors ta' l-appell ma jirrizulta ebda argument li jista' jiggustifika s-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti li l-ammont akkordat "*huwa bil-bosta eccessiv*" jew li dan sahansitra "*hu infondat*".

L-ewwel Qorti korrettament osservat, f'dan ir-rigward, li s-socjeta` konvenuta ma ikkontestatx il-*quantum* tad-danni ikkomputat mil-perit relatur u konsegwentement accettat dak li gie suggerit fir-rapport peritali. Din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-gudizzju ghaqli ta' dik il-Qorti li dehrilha li dak li kien gie suggerit mill-Perit Legali kien gust u reali. Dan partikolarment minhabba l-fatt li l-istess socjeta` appellanti naqset li, in prim istanza, tuzufruwixxi ruhha mid-dritt li taghtiha l-ligi li titlob il-hatra ta' periti addizzjonali kif ukoll  minhabba l-assenza assoluta ta' kull argument validu in sostenn tas-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifikat.

**Dwar il-Kontro-talba.**

Dwar dan l-aggravju, u a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li inghad fir-rigward ta' l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti fil-kuntest ta' l-assenza assoluta ta' relazzjoni guridika bejn il-kontendenti in konnessjoni mal-krediti allegatament reklamati mis-socjeta` Tarros s.p.a. La darba ma tezisti ebda surroga favur is-socjeta` appellanti l-kontro-talba taghha ma tistax tirnexxi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi mill-appell tas-socjeta` konvenuta billi tichdu bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------